**24 ta' Ġunju, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri, LL.D.- President**
**Onor. Hugh Harding, B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S.**
**Onor. Carmelo A. Agius, B.A., LL.D.**

Perit Renè Buttigieg *et*

*versus*

Carmelo Abela

## Vjolazzjoni tal-Prinċipju "Audi Alteram Partem"

*Il-Bord tal-kera bla ma sema' l-ebda trattazzjoni u bla ma ta l-ebda provvediment dwar it-talba tas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, għadda għas-sentenza.*

*Il-Qorti ddeċidiet li tirrimetti l-proċess quddiem il-Bord biex tkompli bil-proċeduri skond il-liġi;*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors fil-Bord li jirregola l-kera li bih is-sidien tal-fond kummerċjali nru.93, *Brittannia Street*, Valletta, mikri lill-intimat b'Lm90 fis-sena, jitħallsu kull sitt xhur bil-quddiem bl-ewwel skadenza fil-15 ta' Diċembru, 1977 - talbu l-awtorizzazzjoni biex jirriprendu l-pussess ta' l-imsemmi fond, *stante* illi l-intimat biddel id-destinazzjoni ta' l-imsemmi fond, kif ukoll talli issullokah jew ta l-użu lil terzi mingħajr il-permess tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta ta' l-intimat fejn ċaħad illi hu ssulloka l-istess fond jew li biddel id-destinazzjoni tal-fond, iżda allega illi huwa assoċja miegħu lil terza persuna fit-tmexxija tal-fond, minħabba li hu kien ta' età avanzata ( 83 sena );

Rat id-deċiżjoni ta' dak il-Bord tal-31 ta' Jannar, 1980, li permezz tagħha dak l-istess Bord laqgħa t-talba tar-rikorrenti, b'dan, però, illi l-iżgumbrament ma jiġix esegwit qabel xahrejn mid-data ta' l-istess deċiżjoni; bl-ispejjeż għall-intimat - u dan wara li kkunsidra:

'Illi mid-depożizzjoni tar-rikorrent Perit Renè Buttigieg (a fol.11 u 12 ) jidher li l-fond kien ġie mikri lill-intimat għall-ħabta tas-sena 1958;

Sas-sena 1971, huwa kien jabita ftit bogħod mill-fond *'de quo'* u jaf illi l-fond kien użat bħala stamperija, u għal manifattura ta' pitazzi, boroż tal-karti, u oġġetti simili. Fis-sena 1977, kellu bżonn jinvestiga xi ħsara fid-drenaġġ tal-post sovrastanti li mniffed mill-bitħa tal-fond *'de quo'* u mar għand l-intimat fil-ħanut li għandu fi strada Merkanti, biex jottjeni ċ-ċavetta; l-intimat kien irriferih għand is-sur Ruggier għax iċ-ċavetta kien qed iżommielu hu. Dana sur Ruggier għandu stamperija bieb mal-post *de quo* li nstab imbollat b'rollijiet ta' karti li s-sur Ruggier qal li kienu tiegħu, u qal ukoll "kull ma għandu s-Sur Abela huma biċtejn injam hemm ġew ". Ma kienx hemm iktar magni ta' l-istamperija fil-post. Meta r-rikorrenti kellem lill-intimat fuq dan l-istat ta' fatt, dana irrispondieh, 'Aħna flimkien' jew 'Dak jeħodli ħsieb'. Meta għall-ħabta t' Ottubru, 1978, ir-rikorrenti reġa' daħal fil-post, l-anqas kien hemm il-karti, iżda mobbli u mirja; bint is-sur Ruggier qaltlu li l-karti kienu qed jistorjahom l-Imrieħel għaliex kien hemm l-

istamperija hemmhekk. Meta r-rikorrenti kien kellem lill-intimat fl-1977, dana kien ipproponilu li jitlaq mill-lokazzjoni kemm-il darba jiġi kompensat finanzjarjament. Difatti saru xi proposti li però *ma seħħux. Intant, kienu dovuti l-kirjiet ta' l-aħħar tliet* snin;

Illi l-intimat qatt ma deher u ma pproduċa ebda prova biex jirribatti l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti; salv illi fit-28 ta' Settembru, 1979, - wara li fis-seduta tal-5 ta' Ġunju, 1979, il-kawża ġiet differita għad-9 t' Ottubru, 1979 għas-sentenza fuq il-provi li kien hemm, peress li meta ssejjaħ ma kien deher ħadd - l-intimat ppreżenta rikors għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza għar-raġunijiet segwenti:

1) li hu ma setax jara l-proċess billi dan ma nstabx fir-reġistru, u ma setax għalhekk jara kif ir-rikors ġie differit għas-sentenza;

2) li hu ma kien għamel ebda prova fil-kawża. Hu għandu 80 sena, u għalhekk li ma kienx jattendi għas-seduti;

3) li hu fil-kawża xtaq jippreżenta l-fotokopja tal-ftehim tal-24 ta' Jannar, 1974 ( Dok. AA ) u li jipproduċi bħala xhieda lil Anthony Ruggier u lill-Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici biex jikkonfermaw l-istess dokument;

Fuq din it-talba - il-Bord josserva illi dan ir-rikors ilu pendenti mit-12 ta' Ottubru, 1977; huwa veru illi sfortunatament din il-kawża kienet waħda minn dawk illi ġiet ripetutament differita minħabba li l-Bord ma setax jiltaqa; iżda jibqa' veru wkoll illi l-intimat, fl-ebda stadju tal-kawża ma esebixxa d-dokumenti li qed jipprova jesebixxi issa ( Dok. AA ), u lanqas

qatt ma prova jħarrek jew jipproduċi x-xhieda li jixtieq jisma' issa. Lanqas qatt ma ġab *a* konjizzjoni tal-Bord jew li pretenda li l-klijent tiegħu kien ottoġenarju u li ma setax jattendi l-Qorti, ħlief li fl-ewwel seduta tat-22 ta' Novembru, 1977 ipproduċa ċertifikat mediku fejn ġie allegat li ma setax joħroġ għal tliet ijiem;

L-allegazzjoni li l-intimat jew id-difensur ma setax jara kif ir-rikors ġie differit għas-sentenza ma jreġġix il-għaliex dan kien imissu kien jafu bil-presenza tiegħu, meta ssejħet il-kawża u anke personalment id-difensur tiegħu u wkoll, billi dana seta' jaraħ mill-kueb tal-verbali tas-seduti mir-Reġistru; evidentement, il-proċess kien ġie rtirat miċ-*Chairman* sabiex jestendi s-sentenza wara d-differiment għal daqshekk;

Illi relattivament għall-ftehim ta' l-24 ta'Jannar, 1974 (Dok. AA ) il-Bord josserva illi għalkemm dan il-ftehim qed jiġi rappresentat u msejjaħ bħala wieħed ta' assoċjazzjoni *in partecipazione* - fil-fatt mhux ħlief simulazzjoni ta' assoċjazzjoni biex jittraviza sullokazzjoni ta' l-inkwilin mill-intimat *a* favur ta' Anthony Ruggier. Difatti mill-eżami ta' l-istess dokument jirriżultaw is-segwenti kondizzjonijiet:

(1) Anthony Ruggier għandu jħallas lill-intimat Lm150 fis-sena;

2) L-intimat m'għandu ebda inġerenza jew kontroll fl-amministrazzjoni ta' l-hekk imsejħa assoċjazzjoni;

(3) L-intimat huwa eżenti minn kwalunkwe piż jew parteċipazzjoni fit-telf ta' l-assoċjazzjoni;

4) L-intimat jikkontribwixxi l-użu tal-fond *'de quo'* u jobbliga ruħhu li jħallas il-kera ta' l-istess (li hu ta' Lm90 fis-sena );

Konsiderat li m'hiex konċepibbli assoċjazjoni in parteċipazzjoni mingħajr il-kontroll tat-tmexxija ta' l-azjenda u mingħajr fissazjoni tal-*'quantum'* tal-parteċipazjoni fil-qliegħ u *fit-telf - dana l-ftehim*, *mhux ħlief - kif fuq ġà ntqal* - simulazzjoni ta' sullokazjoni tal-fond *'de quo'*;

Illi għal dawn ir-raġunijiet jidher stabbilit mir-risultanzi kollha tal-proċess illi sar effetivament kambjament fid-destinazzjoni tal-fond, u anke li l-fond ġie sullokat mir-rikorrenti mingħajr il-kunsens tas-sid; u kwindi t-talba tar-rikorrenti, hija fondata fil-liġi;

Rat ir-rikors ta' l-intimat Carmelo Abela li appella minn dik id-deċiżjoni u talab lil din il-Qorti tannulla u tirrevoka l-istess deċiżjoni, u b'hekk tiċħad it-talba tar-rikorrenti appellati - bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

Rat ir-risposta ta' l-appellati li ssottomettew illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors tiegħu ta' l-appell l-intimat appellant jissottometti illi l-proċedura adottata mill-Bord f'dan il-każ tammonta, in sostanza, għall-vjolazzjoni tal-prinċipju "*audi alteram partem*";

Fil-fatt, kif jirriżulta mill-atti proċesswali, dak li ġara kien dan:

Ir-rikors promotorju tal-ġudizzju kontenenti t-talba tar-rikorrenti appellati ġie appuntat għas-smiegħ mill-Bord għall-ewwel darba għas-seduta tat-22 ta' Novembru, 1977, f'liema seduta ġiet preżentata risposta ta' l-intimat li ċaħad l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors, iddikjara li huwa ta' età avanzata ( 83 sena ) u li kull ma għamel kien li assoċja miegħu lil terza persuna fit-tmexxija tal-fond, u għalhekk oppona t-talba tar-rikorrenti;

F'dik l-istess seduta, peress li skond ċertifikat muri lill-Bord ( fol. 3 ) l-intimat kien jinsab marid, is-smiegħ tar-rikors ġie differit għas-seduta tas-17 ta' Jannar, 1978;

Fis-17 ta' Jannar, 1978, is-smiegħ tar-rikors ġie differit għas-16 ta' Frar, 1978, imħabba impediment leġittimu ta' wieħed mill-Membri Tekniċi tal-Bord, u wara erbgħa (4) differimenti oħra b'ordni tal-Bord, fis-seduta tas-7 ta' Diċembru, 1978, ġiet mismugħa x-xhieda tar-rikorrent Perit Renè Buttigieg;

Din kienet l-ewwel u l-unika seduta li fiha nstemgħu xi provi. Wara li r-rikors, infatti, kien ġie differit għas-seduta tas-27 ta' Frar, 1979, "għall-provi kollha", dik is-seduta ġiet differita, b'ordni tal-Bord, għat-3 ta' Mejju, 1979, minħabba indispożizzjoni ta' wieħed mill-Membri Tekniċi tal-Bord, u dik tat-3 ta' Mejju, 1979, ġiet differita, b'ordni tal-Bord, għal-5 ta' Ġunju 1979;

F'din is-seduta tal-5 ta' Ġunju, 1979, peress li "meta ssejħet il-kawża ma deher ħadd", il-Bord iddifferixxa l-kawża

għad-9 t' Ottubru, 1979, "għas-sentenza fuq il-provi li hemm";

B'rikors tat-28 ta' Settembru, 1979 ( fol.20 ), l-intimat talab lill-Bord jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, wara li rrileva li huwa kien għad ma għamel l-ebda prova, li huwa għandu 80 sena u għalhekk ma kienx jattendi għas-seduti, u li kien irid jippreżenta kopja fotostatika ta' ftehim (annessa mar-rikors) u jipproduċi bħala xhieda lil Anthony Ruggier u lill-Avukat Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici biex jikkonfermaw dak l-istess dokument;

B'digriet tat-2 t'Ottubru, 1979, il-Bord ordna n-notifika ta' dak ir-rikors lill-kontro - parti "biex tiġi trattata fis-seduta tad-9 t'Ottubru, 1979". Fil-fatt, ir-rikors ġie notifikat lill-kontro - parti fid-9 t'Ottubru, 1979, u fis-seduta ta' dik l-istess ġurnata l-kawża ġiet differita għat-30 t'Ottubru, 1979 "fuq talba ta' Dr. Falzon ( difensur tar-rikorrenti ) li hu msiefer";

Fis-seduta tat-30 t'Ottubru,1979 kif jidher mill-verbal relattiv, meta ssejħet il-kawża ma deher ħadd, u għalhekk il-kawża ġiet differita għall-31 ta' Jannar, 1980 "għall-aħħar darba". Fil-31 ta' Jannar, 1980, imbagħad, il-kawża ġiet deċiża;

Mill-premess jidher biżżejjed ċar li wara d-digriet tal-Bord tat-2 t'Ottubru, 1979, il-kawża ma baqgħetx differita għas-sentenza, iżda għat-trattazzjoni dwar ir-rikors ta' l-intimat tat-28 ta' Settembru, 1979, kif ordnat mill-istess Bord. B'dana kollu, però, il-Bord bla ma sema' l-ebda trattazzjoni u bla ma ta l-ebda provvediment dwar l-imsemmija talba għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, għadda għas-sentenza;

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma illi l-ilment

ta' l-appellant huwa ġustifikat u illi l-proċess għandu jiġi rimess lill-Bord biex l-istess Bord jieħu konjizzjoni ta' l-imsemmi rikors ta' l-intimat tat-28 ta' Settembru, 1979, u wara li jkun pprovda kif jidhirlu xieraq dwar l-istess rikors ikompli bil-proċeduri skond il-liġi;

Għall-dawn il-motivi, għalhekk, tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata u tordna li l-attijiet tal-kawża jiġu rimessi lill-Bord li jirregola l-kera għall-finijiet premessi. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż tal-kawża, sija dawk ta' l-ewwel istanza u sija dawk ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.